Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2003

Numru. 428/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs-**

**DARREN MUSCAT**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat DARREN MUSCAT bin Anthony u Georgette nee Cassar u residenti 45, Triq Bingemma, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 32885G gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar t-tlettax ta' Settembru 2003 ghall-habta tas-siegha w kwart ta' filghodu waqt li kien fi Triq Santa Marija, Marsalforn, Ghawdex;

1. saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAH 294 tal-ghamla Mitsubishi Pajero b'manjiera traskurata, perikoluza u b'velocita eccessiva;

2. talli saq l-imsemmija vettura kontra s-sinjal li juri li ma hemmx dhul;

3. talli b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku habat ma vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAK 942 w ikkagunalha hsarat ghad-dannu ta' John Micallef minn Naxxar u ma karozza bin-numru ta' registrazzjoni IML 007 w ikkagunalha hsarat ghad-dannu ta' Jeffrey Mizzi ta' Industrial Motors Limited, National Road, Hamrun;

4. talli saq l-imsemmija vettura minghajr ma kien kopert b'polza t'assigurazzjoni;

5. talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi naqas li jieqaf wara l-incident u jaghti ismu, kunjomu u l-indirizz tieghu u d-dettalji tal-vettura lil persuna/i li kellhom raguni bizzejjed li jsir hekk.

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex f'kaz ta' htija tiskwalifika lill- imputat mill-licenzji kollha tas-sewqan tieghu ghal zmien xieraq li jidhrilha hekk taghmel.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-Avviz Legali numru 29/1995, l-artikolu 15 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 328(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 3 tal-Kap 104 9 tal-Ligijiet ta' Malta u MVR artikolu 67;

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil PC 330 u lil Edward Cassar;

Semghet lil imputat jammetti t-tielet [3] r-raba [4] w il-hames [5] akkuza u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq salv li ssibu hati ta' dawn it-tlett akkuzi kif ammessi minnu;

Illi mill-provi prodotti l-akkuzi l-ohra u cioe l-ewwel [1] w t-tieni [2] akkuza ma jirrizultawx ppruvati;

Ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi fuq citati, tiddikjara li ma ssibx lill-imputat DARREN MUSCAT hati tal-ewwel [1] w it-tieni [2] akkuza u tilliberah minnhom, filwaqt li tiddikjara li ssibu hati tat-tielet [3] r-raba [4] w il-hames [5] akkuzi u tikkundannah ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250);

Oltre dan tordna l-iskwalifika tal-licenzja tal-imputat ghal perjodu ta' sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------